FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)
ILLUM 2 TA' NOVEMRU 2016

Il-Pulizija
(Spettur Carol Fabri)
vs
Ahmed Tarek Migiref

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, numru referenza moghti lilu mill-Kummissjoni Refugjati Malta 16462/13, akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar 2015 ghal habta tat-2.45 gewwa Triq San Gorg San, San Giljan:

1. ikkommetta serq ta' mobile tad-ditta Samsung liema ammont eccedil-€232.94 izda ma jeccedix €2329.37 ghad-dettriment ta' Youssif Mohammed Abu Bakr Almandi minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin;
2. nhar l-14 ta' Frar 2015 ghal habta tas-6.00am jew fil-hinijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €116.47 pero' teccedi €23.29 ghad-dannu ta' Jessica Mascat u/jew persuni ohra;
3. gewwa dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Frar 2015 fis-6.00am u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Paceville naqas milli jhares il-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Magistrat Dr. Aaron Bugaja bid-digriet tieghu datat 6 ta' Gunju 2014 li bih ta il-helsien mill-arrest;

Il-Qorti mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digiet tal-helsien mill-arrest u tordna ri-arrest tal-imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €4000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat A.G.Vella nhar is-6 ta' Ottubru 2014, liema sentenza sarer definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhiea;

Rat l-atti u d-dokumenti:

Ikkonsidrat:

L-ewwel imputazzjoni hija strettament marbuta mal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri. Dawn huma, li fil-hinijiet bikrin ta' filghodu tal-14 ta' Frar 2015 certu Youssif Mohammed Abu-Bakr Almandi, u dan skond okkorrenza (fol.11 et seq), irrikorra l-ghassa ta' San Giljan u irraporta s-serq tat-telefon cellulari tieghu waqt li kien fl-istabiliment "Footloose" gewwa Paceville. Stqarr li kienet il-"person related", li l-Qorti fehmet li tirreferi ghal certa Miriam Elabed, li kienet serqitulu. Issa, jirrisulta li l-imputat kien qieghed fl-imsemmi stabiliment mal-

persuna imsemmija, kunjoma Elabed, u ma ohra certa Jessica Muscat, fil-konfront ta' liema huwa akkuzat skond it-tieni akkuza li irrekala danni ta' bejn €23.29 u €232.94.

Intant, pero', fil-konfront ta' l-ewwel akkuza, din tixlih b'serq ta' telefon cellulari minghand l-imsemmi Almandi, cjoe, l-imputat hu akkuzat li seraq persuna identifikabbli, aggravat dan s-serq bil-hin u valur. Fil-kuntest ta' dan il-Qorti, partikolarment, fin-nuqqas tax-xhieda tal-presunt derubat, ergo, fin-nuqqas tal-identifikazzjoni tieghu miz-zewg persuni feminili, fuq imsemmija, wkoll fin-nuqqas tal-identifikazzjoni tat-telfon cellulari, jew ukoll dwar jekk kienx tal-marka "Samsung" u jekk n-numru tieghu  kienx 9970477, kif stqarret r-rappresentanta tal-"Vodafon",  iggeghel lill-Qorti tiddikjara li din l-ewwel akkuza ma tinsabx u ma gietx sodisfacjentement pruvata kontra l-imputat.

Dwar it-tieni akkuza din tirreferi ghal xi danni allegatament ikkagunati mill-imputat fuq il-bieb principali ta' fejn kienet toqghod l-imsemmija Jessica Muscat. Fuq daqshekk ix-xhieda hija skarna. Imkien m'hemm indikat il-valur ta' dawn id-danni. U lanqas mhi din il-Qorti taghti kredibilita' lix-xhieda taz-zewg nisa, li kellhom ikunu fost ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni flimkien mal-presunt derubat li ma xehedtx.

Dwar it-tielet akkuza d-digriet hemm riferut ma jinsabx fl-atti u fl-ebda stadju tal-kawza ma jirrisulta li gie esebit.

Dwar il-bqija tal-akkuzi stante li l-imputat ser jigi liberat fuq nuqqas ta' provi fir-rigward it-tlett akkuzi meritu l-kawza fuq trattati, il-Qorti sejra ghaldaqstant tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat